# IL-BEJJIEGĦ TAL-ALMANAKKI

*(Mit-Taljan ta' Giacomo Leopardi "Dialogo di un venditore d'Almanacchi e di un passeggiere)*

*Miġjub għall-Malti minn* G. Soler

*Bejjiegħ* : Almanakki, almanakki ġodda; pronostki ġodda. Sinjur, trid almanakki?

*Għarib* : Almanakki għas-sena l-ġdida?

*B.* Iva, sinjur.

*G.* Taħseb li s-sena l-ġdida tkun hienja?

*B.* Oh, sinjur, iva tabilħaqq.

*G.* Bħal din is-sena li għaddiet?

*B.* Aktar, bil-bosta aktar.

*G.* Bħal dik ta' qabilha?

*B.* Aktar, aktar, sinjur.

*G.* Bħal liema sena, mela? Ma jogħġbokx li s-sena l-ġdida tkun bħal xi waħda minn dawn l-aħħar snin?

*B.* Le, sinjur, le : ma jogħġobnix.

*G.* Kemm-il sena għaddiet mindu ilek tbiegħ l-almanakki?

*B.* Għaddew mal-għoxrin sena, sinjur.

*G.* Ma' liema fost dawn l-għoxrin sena tagħżel li tkun tixbah is-sena li ġejja?

*B.* Ma nafx inwieġbek.

*G.* Ma tiftakarx f'xi sena waħdanija, li jidhirlek li kienet hienja?

*B.* Le tassew, sinjur.

*G.* Wara kollox il-ħajja hija ħaġa sabiħa : mhux tassew?

*B.* Dan kulħadd jafu.

*G.* Ma tixtieqx terġa' tgħix mill-ġdid dawn l-għoxrin sena, kif ukoll iż-żmien imgħoddi kollu, minn mindu twelidt?

*B.* Eh, għażiż sinjur, j'alla dan kien jista' jkun.

*G.* Iżda jekk ikollok tgħaddi mill-ġdid il-ħajja li għixt la aktar u la anqas, bi-hena u bil-għali kollu li ġarrabt?

*B.* Dan ma nixtiqux.

*G.* Oh, liema ħajja mela trid terġa' tgħix? Il-ħajja li għaddejt jiena? jew is-sultan, jew xi ħadd ieħor? Ma taħsibx li jiena, u s-sultan, u kull bniedem ieħor kien iwieġeb xorta waħda bħalek; u li kieku kellu jerġa' jgħaddi għal darb'oħra l-ħajja li jkun għex, ħadd ma jkun jixtieq jerġa' lura?

*B.* Dan nemmnu.

*G.* U lanqas inti ma tkun tixtieq terġa' lura b'dan il-patt, meta ma tistax xort'oħra?

*B.* Le, sinjur, ma nkunx irrid tassew.

*G.* Liema ħajja mela trid tagħżel inti?

*B.* Irrid ħajja hekk kif Alla jibagħtthieli mingħajr pattijiet oħra.

*G.* Ħajja kif ġie ġie, bla ma tkun taf xejn aktar minn qabel, bħalma ma nafu xejn dwar is-sena l-ġdida?

*B.* Iva, hekk.

*G.* Jiena wkoll hekk nixtieq kieku kelli ngħix mill-ġdid; u bħali wkoll kulħadd. Iżda dan juri illi x-xorti, ma' tul is-sena kollha, imxiet ħażin ma' kulħadd. U jidher ċar li kull wieħed huwa tal-fehma li kien akbar u itqal l-għawġ li missu milli kien il-ġid, jekk biex jerġa' jikseb il-ħajja ta' qabel bil-ġid u d-deni kollu tagħha, ħadd ma jrid jerġa' jitwieled. Dik il-ħajja li hija ħaġa hekk sabiħa, mhix il-ħajja magħrufa, iżda dik li ħadd ma jaf biha: mhix il-ħajja mgħoddija, iżda l-ħajja li ġejja. Mas-sena l-ġdida l-qagħda tibda tittejjeb miegħek u ma' l-oħrajn kollha, u tibda l-ħajja hienja. Mhux hekk?

*B.* Nittamaw.

*G.* Mela, urini l-isbaħ almanakk li għandek.

*B.* Dan, sinjur. Dan jiswa tletin sold.

*G.* Ħa, tletin sold.

*B.* Niżżik ħajr, sinjur; j'alla nerġgħu niltaqgħu. Saħħa. Almanakki, almanakki ġodda; pronostki ġodda!

---